**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.), B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Mohamed Toungaza**

Numru 39/2020

Illum 4 ta' Frar 2021

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Mohamed Toungaza**, ta' disgha u tletin (39) sena, iben Ibrahim u Kamibara, imwieled Basse, Ghambia fl-4 ta' Jannar 1981, residenti fil-fond 'St. Paul's Flats', Flat 9, Triq ix-Xaghra, Zebbug, Ghawdex u detentur tan-numru tal-Pulizija 09H-039, akkuzat talli nhar l-1 ta' Ottubru 2020 u fix-xhur ta' qabel gewwa dawn il-gzejjer;

1. Biegh jew xort' ohra ttraffika l-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha, u dan bi ksur tal-Artikolu 8(e) tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu l-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

Rat l-ordni tal-Avukat Generali *ai termini* tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) (Dok. "BCS 2");

Semghet il-provi;

Semghet, waqt is-seduta tal-lum, lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li ma kellhiex aktar provi xi tressaq f'dan il-kaz u b'hekk ghalqet il-provi taghha;

Semghet, waqt is-seduta tal-lum, lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti tatu zmien ragonevoli sabiex jirrikunsidra l-pozizzjoni tieghu;

Semghet sottomissjonijiet dwar is-sentenza fejn kien hemm qbil mill-partijiet dwar il-parametri li ghandha timxi maghhom il-Qorti;

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat fir-rigward tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, il-Qorti ma tistax hlief ssibu hati tal-istess imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu.

Illi, meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in kunsiderazzjoni diversi fatturi; fosthom il-fedina penali netta tieghu, il-fatt illi l-ammissjoni tal-imputat f'dawn il-proceduri ma kinitx wahda bikrija, u kif ukoll il-fatt li l-imputat ittraffika d-droga, ghalkemm b'ammont zghir, lill-persuni vulnerabbli li wiehed minnhom spicca ghamel suwicidju u l-ohra hadilha d-droga waqt li kienet ghall-kenn f'Dar Emmaus;

Ghal dawn il-motivi, fuq ammissjoni, il-Qorti wara li l-Artikoli 8(d), 8(e), 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) u (ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, qed issib lill-imputat Mohamed Toungaza hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal piena ta' sentejn (2) prigunerija effettivi u multa ta' hames mitt ewro (€500);

In oltre, il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lill-imputat ihallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta' elf, tliet mija u sebgha u ghoxrin ewro u ghaxar centezmi (€1327.10) bhala spejjez peritali;

Il-Qorti tordna wkoll id-distruzzjoni tad-droga u l-affarijiet relatati, esebiti bhala Dokumenti 'BCS 10', 'BCS 11', 'BCS 12' u 'GS 2' hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi proces-verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Finalment il-Qorti tordna lill-Ufficcjal Principali tal-Immigrazzjoni biex b'kollaborazzjoni mad-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin jattwa dak li jipprovdi l-Att tal-Immigrazzjoni biex xhin il-hati jiskonta s-sentenza jintbaghat lura l-Gambia.

| | |
|---|---|
| **Dr. Joseph Mifsud** | **Mary Jane Attard** |
| **Magistrat** | **Deputat Registratur** |